A.L. 31 ta' 2001

ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI
(KAP. 276)

Ordni ta' l-2001 dwar Estradizzjoni (Pajjiżi Barranin Speċifikati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2001 dwar Estradizzjoni (Pajjiżi Barranin Speċifikati). Titolu.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra— Tifsir.

"il-Konvenzjoni" għandu jkollha l-istess tifsir mogħti lilha bil-paragrafu 2 ta' l-ordni prinċipali;

"l-ordni prinċipali" tfisser l-Ordni ta' l-1996 dwar Estradizzjoni (Pajjiżi Barranin Speċifikati) (Nru. 2). A.L. 131 ta' 1996.

3. L-ordni prinċipali għandu jkompli jkollu effett bħallikieku fl-Iskeda li tinsab miegħu kien hemm inkluż, b'seħħ mid-data murija fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni għar-rigward ta' kull pajjiż, il-pajjiżi elenkati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni. Żieda ta' pajjiżi barranin speċifikati.

SKEDA

(Artikolu 3)

L-Ewwel Kolonna	**It-Tieni Kolonna**
Albanija	17 ta' Awissu, 1998
Andorra	11 ta' Jannar, 2001
Belġju	27 ta' Novembru, 1997
Estonja	27 ta' Lulju, 1997
Kroazja	17 ta' Ġunju, 1996
Latvja	31 ta' Lulju, 1997
Litwanja	17 ta' Ġunju, 1996
Moldova	31 ta' Diċembru, 1997
Rumanija	9 ta' Diċembru, 1997
Russja	9 ta' Marzu, 2000
Svezja	17 ta' Ġunju, 1996
l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	26 ta' Ottubru, 1999
Ukraina	9 ta' Ġunju, 1998